MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Avviz Numru. 192/2007

**Mizzi Automotive Services Limited**

**Vs**

**AC Cars Manufacturing Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat mis-socjeta attrici, fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha is-somma ta' tlett elf tmienja u sebghin lira maltin u hamsa u sebghin centesmu (LM3,078.75) prezz ta' *spare parts* mibjugha u konsenjata lilha u dan kif jirrizulta mill-annessi kopji ta' erbgha fatturi mmarkati bhala Dok. 'A' sa Dok. 'D'.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li tinsab ingunta 'n subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta fejn esponiet is-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok, il-procedura addottata mir-rikorrenti, tikkostitwixxi abbuz ta' process stante li hija ntiza sabiex jinkiseb titolu ezekuttiv favur is-socjeta rikorrenti meta l-istess socjeta rikorrenti diga ghandha a favur taghha titolu ezekuttiv kontra s-socjeta intimata u dan permezz t'Ittra Ufficcjali pprezentata mis-socjeta rikorrenti ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Ittra 225/07) fit-tnax (12) ta' Jannar 2007 u li giet validament notifikata lis-socjeta intimata fid-dsatax (19) ta' Jannar 2007 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. 'A') u li giet reza ezekuttiva stante l-assenza ta' risposta da parti tas-socjeta intimata. In oltre gie wkoll ipprezentat Mandat ta' Qbid Ezekuttiv (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. 'B'), liema mandat gie wkoll esegwit (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. 'C').

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta rikorrenti kif dedotti fir-rikors, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-kontendenti kienu ftehmu li s-socjeta intimata thallas biss ghal prodotti li jigu kkunsinnati fuq ordni tal-istess socjeta intimata minn zmien ghal zmien, liema ftehim intlahaq fl-isfond tal-involviment ta' Direttur tas-socjeta rikorrenti bhala beneficcjarju fis-socjeta intimata.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal datat sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar 2008 (fol. 23) fejn l-avukat tas-socjeta intimata ddikjara li ma kienitx qed tikkontesta l-fatt li d-dokumenti A,B,C,u D ma kienux kopji legali.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar 2008 xehed **Saviour Galea** fil-kapacita tieghu ta' Operations Manager tas-socjeta attrici, fejn ikkonferma li ilu jokkupa din il-kariga sa mis-sena 2002. Huwa kkonferma li s-socjeta attrici kienet ipprezentat il-kawza odjerna kontra l-intimat ghas-somma ndikata fir-rikors. Meta gie muri l-*invoices* immarkati bhala Dok. 'A', 'B', 'C' u 'D' huwa kkonferma li l-materjal imsemmi f'dawn l-erbgha *invoices* gie kkunsinjat lis-socjeta intimata, kif jirrzulta mill-firma tal-intimat fuq kull

*invoice*. Qal li dawn l-*invoices* qatt ma kienu gew kontestati.

Mistoqsi x'relazzjoni kien hemm bejn is-socjetajiet kontendenti, qal li r-relazzjoni kienet wahda bejnu u bejn certu John Owen ghan-nom tas-socjeta intimata. Dan John Owen kien ighidlu x'*parts* ikollu bzonn u huwa kien jipprovdilu l-parti rikjesta minnu.

Mistoqsi jekk jafx dwar in-negozjati li kien hemm bejn id-Diretturi tas-socjetajiet kontendenti, jghid li ma jafx, izda jispjega li huwa kien gie moghti struzzjonijiet sabiex ma jghaddix aktar xoghol lis-socjeta intimata. Ikkonferma li wiehed mid-Diretturi tas-socjeta attrici, kien ukoll *shareholder* fis-socjeta intimata.

Illi nhar id-disgha (9) ta' Lulju 2008 xehed **John Owen** bhala konsulent tas-socjeta intimata fejn spjega li huwa jiehu hsieb l-aspett t'inginerija tas-socjeta intimata u mhux l-aspett finanzjarju. Qal li huwa ma kienx involut fin-negozjati li kien hemm meta iz-zewg kumpaniji bdew jinnegozjaw flimkien. Qal li maz-zmien gie ntrodott ma Saviour Galea u kien infurmah x'*parts* kien ikollu bzonn sabiex jibni karozzi hawn Malta. Dan Saviour Galea ghamel stharrig dwar dak mitlub minnu u beda jissupplih bl-i*spare parts* rikjesti. Ikkonferma li kien hemm xi zmien meta is-socjeta konvenuta kellha xi problem ta' *cash flow* u kien sar xi inkontru bejn Mr. Maurice Mizzi, ghan nom tas-socjeta attrici u Mr. Lebinsky, ghan nom tas-socjeta intimata u kien hemm ftehim li l-hlas isir meta is-socjeta intimata kienet f'posizjoni li taghmel hekk. Qal li sa fejn jaf hu, is-socjeta intimata qatt ma kienet f'posizjoni li thallas u fl-istess nifs ighid li sa fejn jaf hu, is-somma mitluba qatt ma giet imhallsa.

Rat ukoll id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:-

Illi qabel xejn u cioe qabel ma tidhol u tiddiskuti l-fatti specie tal-kaz in desamina, din il-Qorti ser telenka 'n

materja ta’ provi, r-regoli li ghaliha huma l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku.

l. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt, l-oneru li ggib il-prova ta’ l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sia fuq l-attur, li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza tal-attur (*reus excipieno fit actor).* **(**Ara Kollez. **<u>Vol. XLV1 p1 p 5).</u>**

2. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, ‘*jista ikun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta*.’ (**<u>Kollezz. Vol. XXXV11 p1 p 577).</u>**

3. Il-gudikant, adit mill-mertu tal-kaz, hu tenut jiddeciedi *iuxta alligata et probata*, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkostanzi tal-fatti dedotti a bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi li d-dixxiplina tal-piz tal-provi, ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju ‘n kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat, m’huwiex veru ghax mhux ppruvat.

4. Il-valutazzjoni tal-provi, hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-appezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment, dik id-diskrezzjoni tieghu, hi soggetta ghal dak il-limitu legali mpost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jrid li fis-sentenza, tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku.

5. Huwa minnu li fil-kors ordinarju tal-process, min jallega l-pagament, dan irid jissostanzjah anke jekk biex jaghmel dan mhux necessarjament jipproduci ricevuti.

Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergent mir-rizultanzi processwali (Ara **Avv. J Buttigieg noe vs Jos Portelli noe** Appell Kummercjali 26 ta' Jannar 1976 u **Joe Chetcuti noe vs Joseph Pearson et noe** Appell deciz fil-5 t'Ottubru 1998.)

6. Skond l-ordni guridiku tar-regoli probatorji, jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok, li jipprova b'mod adegwat, l-allegazzjoni centrali tieghu li l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux, il-konvenut jibqa assistit mill-principju li l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu, imqar 'prima facie', jistabilixxi t-tezi tieghu, li mbaghad il-piz tal-prova jissosta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif inghad minn **Phipson on Evidence** 11th Edition para 103:-

"*In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case*."

L-istess awtur jispjega wkoll (op. Cit. Para 91) illi r-regola:-

"*Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio' is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case.*"

Ferma din l-introduzzjoni, bla dubbju, l-kwistjoni hawn sottomessa, hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilta li trid tinghata lil provi istruttorji hawn migbura. Valutazzjoni din li necesarjament trid tkun wahda globali fil-kwadru t'investigazzjoni unitarju w organiku.

Ikkunsidrat ulterjorment:-
Illi dwar il-kaz in esami, l-intimat ighid li din l-azzjoni qatt ma messha giet intavolata, ghaliex s-socjeta rikorrenti diga ottjeniet titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta intimata (fol.11).

Illi ghalhekk, minnufih l-Qorti ghaddiet sabiex tezamina d-dokumenti esebiti u *su due piedi* jirrizulta li verament is-

socjeta rikorrenti ghandha titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta intimata, izda dan fis-somma ndikata fl-Ittra Ufficcjali pprezentata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 ghas-somma ta' (LM2301.71). Jirrizulta minn dak id-dokument esebit fl-atti a fol 11, li t-titolu reza ezekuttiv gie ottenut a bazi tal-fattura numru 11457. Jirrizulta wkoll li 'n segwitu, r-rikorrenti kien ukoll intavola Mandat ta' Qbid Ezekuttiv fl-ismijiet premessi ghal din l-istess somma.

Issa minn ezami tar-rikors, jirrizulta minnufih li l-ammont mitlub huwa differenti u minn esami aktar akkurat tad-dokumenti esebiti, jirrizulta li din is-somma tirreferi ghall-*invoices* li jgibu n-numru differenti minn dak imsemmi fl-Ittra Ufficcjali fuq imsemmija. Ghalhekk jidher *prima facie*, li d-debitu huwa wiehed differenti, ghalkemm il-partijiet huma l-istess.

Illi sta ghar-rikorrenti sabiex jipprova it-talba tieghu.

Ir-rikorrenti ressaq bhala xhud lil Saviour Galea li kkonferma li l-*invoices* esebiti mar-rikors, ghadhom pendenti u lis-socjeta intimata m'ghamlet ebda pagament f'dan ir-rigward.

Is-socjeta intimata minn naha l-ohra ma ressqet l-ebda prova sabiex tisostanzja l-ewwel eccezzjoni taghha. Strahet fuq ix-xhieda ta' John Owen li kkonferma li l-*invoices* esebiti fl-atti, ghadhom pendenti u li hlas dwarhom, ghadu ma sarx.

**Ghalhekk, in vista ta' din l-ammissjoni tas-socjeta intimata, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li taqta u tiddecidi li qed tilqa t-talba rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ndikata fir-rikors promotur ta' tlett elf tmienja u sebghin liri maltin u hamsa u sebghin centesmu (LM3,078.75) ekwivalenti ghal sebat elef mija wiehed u sebghin euro u sitta w erbghin euro centezmu (€7171.46).**

**L-ispejjez ta dawn il-proceduri u l-imghax skond il-ligi, jithallsu mis-socjeta intimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------